KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 64

l-Erbgħa u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

**ASSENTI B'APPOLOGIJA**
**(Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*64.1 Qari tal-ittri ta' apologiji*
*64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*
*64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*
*64.4 Tweġibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*
*64.5 Rapporti*
*64.6 Tiswijiet fil-Latrini Publiċi*
*64.7 Tiswija ta' canopies fi Gnien Indipendenza*
*64.8 Approvazzjoni tal-Performance Bonus*
*64.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqghat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati*
*64.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti*
*64.11 Mozzjonijiet ; u*
*64.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 64.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

64.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw peress li ma kinitx tiflaħ, pero l-Kunsilliera infurmat ukoll li jista jkun tattendi aktar tard.

## 64.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

64.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazzjoni.

64.2.2 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 63.1.2 u talbet li ssir korrezzjoni li għanda tinqara 'Il-Kunsilliera V. Galea Pace innotat illi tali assenza kienet ġustifikata peress illi l-Viċi Sindku dejjem avza bil miktub li ma setgħax jattendi minħabba raġunjiet ta' xogħol. Il Kunsill qabel.

64.2.3 Il-Kunsillier M. Briguglio talab li ssir korrezzjoni f'punt 63.3.10 u talab li l-aħħar parti tas-sentenza tinqara kif ġej '.......għas-sanctioning tal-planter ta' Club Lounge'.

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli għas-seduta 18.18*

64.2.4 Il-Kunsillier P. Radmilli ressaq korrezzjoni f'punt 63.3.1 li trid tizdied il-frazi, 'Li x-xogħol dwar is-siġar fi Triq Dingli jrid isir mis-surveyor u l-Kunsilliera inkarigati minn dan il-proġett iridu jiltaqgħu mas-surveyor qabel ma jsir ix-xogħol mis-surveyor.

64.2.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 63.6.5 u qal li l-Kunsill kien iddeċieda li jinħareġ tender għas-servizzi ta' planner.

64.2.6 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti hekk kif emendati. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 63_12/12/2016*

**64.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

64.3.1 Is-Sindku irrefera għall-punt 63.3.1 dwar tħawwil ta' siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li l-perit beda jipprepera l-pjanti u dokumenti neċessarji għall-applikazzjoni mal-PA u l-ispiza ta' *topographical survey* hija Ewro 900 (VAT eskluz). Il-Kunsillier J. Pillow qal li jista jkun li tiġi irħas minn hekk u talab li jkollu ċans li jsaqsi għal stima oħra. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hu tajjeb li wieħed jiċċekkja għall-aħjar prezz. Is-SE talab li l-kwotazzjoni tintbgħat b'email. Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna s'għada u f'kaz li nirċievu l-Kunsill iqabel l-aħjar. F'kaz li ma jirċievi xejn il-Kunsill għandu jimxi bl-istima tal-MED Developers. Is-SE informa li se jkun hemm aktar bzonn ta' dokumenti biex jitkompla l-proċess li jirrikjedu ħlas u saqsa jekk għandux jistenna li jitressqu Kunsill għall-approvazjoni jew jistax imexxi. Kien hemm qbil unanimu li jista jmexxi f'kaz li l-ammonti jkunu raġonevoli. *Siġar – Triq Dingli*

64.3.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 63.3.2 dwar l-*outdoor gym*. Gie nnotat li hemm xi ħsara fit-*timer* u d-dawl għadu mhux jiffunzjona, u qegħdin jaħdmu fuqu. Is-Sindku qal li t-*Tourism Zones Committee* saqsa biex insibu ġurnata għall-inawgurazzjoni tal-*outdoor gym.* Il-Kunsillier P. Portelli ssuġġerixxa li ssir f'Marzu 2017. *Outdoor gym*

64.3.3 Dwar punt 63.3.3 dwar it-tender tad-dawl tat-toroq, is-Sindku informa li l-Kunsilli Lokali ta' San Giljan, San Gwann u tas-Swieqi lesti li jiltaqgħu mal-Kunsill tagħna u jibdew diskussjonjiet għal tender konġunt. Is-SE qara d-direttiva cirkulari numru 50 mid-DLG fejn qegħdin jistaqsu lill-Kunsilli xi informazzjoni dwar it-tender prezenti. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk din hija l-istess talba għall-informazzjoni li talbu s-sena l-oħra, il-proċess mhux se jimxi. Is-Sindku qal li l-idea bejn il-Kunsilli imsemmija hawn fuq hija li kull lokalita tħallas għall-ispejjez tagħhaseparati u x-xogħol jiġi ċertifikat mill-contract manager b'mod separat ta' kull Kunsill imsemmi. *Tender tad-dawl*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-18.32*

Is-SE issuġġerixxa li għandu jsir qbil f'affarijiet konkreti bħal per

ezempju li kull sejħa biex il-kuntrattur imur jiċċekkja bozza tkun *standard rate*. Il-Kunsilliera V.Galea Pace issuġġeriet li għandu jitnizzel fil-kuntratt li jista jkun hemm bzonn kaz ta' emergenza biex tinbidel bozza. Dawn il-punti u aktar iridu jiġu diskussi mas-Segretarji Ezekuttivi tal-Kunsilli imsemmija hawn fuq, biex jibda il-proċess għal tender konġunt. Il-Kunsill qabel.

64.3.4 Dwar punt 63.3.7 dwar il-kiri ta' garaxx għal *store*, is-SE informa li suppost il-Kunsill diġa ħareġ. Is-SE ipprezenta stimi ta' garaxxijiet oħra u l-aħjar prezz kien dak fi Triq D'Argens, Gzira b'ħames ewro (vat eskluz) kuljum. Is-SE informa li f'Tas-Sliema l-prezzijiet kienu hafna għola. Is-SE informa li jrid isir bieb tal-garaxx u meta l-Kunsill jitlaq itina l-flus lura tan-nefqa li tkun saret fil-bieb jew jghamel arrangement favorevoli fil-kuntratt ta' kirja. Kien hemm qbil dwar dan kollu fost il-Kunsilliera prezenti. Il-Kunsillier J. Pillow ġibed l-attenzjoni li l-garaxx għandu jiġi organizzat sew bi xkaffar eċċ. Kiri ta' garaxx

64.3.5 Dwar punt 63.3.8 dwar ir-rampa ta' fejn il-Kazin ta' San Girgor, is-SE informa li wara li kiteb lill-perit kif kien deċiz mill-Kunsill, il-perit informa li xorta trid issir skont il-perit tat-TM. Is-SE qara l-email li irċieva mit-TM u pprezenta l-pjanta annessa. Ġie nnotat mill-Kunsilliera prezenti li r-rampa ma tidhirx fil-pjanta certifikata min-TM. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li din ir-rampa jkollha bzonn l-awtorizzazzjoni mill-KNPD. Il-Kunsillier P. Radmilli irrakkomanda li l-perit tagħna xorta jrid jara li tkun skont ir-regolamenti u jkellem lill-KNPD u jmorru *on site* u jgħaddu r-rapport lill-Kumitat San Girgor. Kien hemm qbil dwar dan. *Rampa – San Girgor*

64.3.6 Is-Sindku irrefera għall-punt 63.3.9 dwar postijiet abbandunati li hemm ħafna skart fihom. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn se jinghalqu min-naħa ta' barra. *Postijiet abbandunati*

64.3.7 Is-Sindku irrefera għall-punt 63.3.11 u informa li saret il-laqgħa mall-Ministru Buontempo flimkien miegħu, mas-SE u l-Kunsillier P. Portelli. Ġie diskuss li l-Kunsill ma rax li kienet decizjoni ġusta li mill-iskema tnaqqsu Ewro 4000 minn kif kien miftiehem Ewro 15,000. Il-Kunsilliera L .Cassar Shaw issuġġeriet li insaqqsu jekk dawn jistgħux jiġu kompensati fis-sena d-dieħla. Sadanitant is-SE informa li r-riċevuti intbgħatu lid-DLG biex jiġu rifonduti l-ħdax-il elf. *SAF 2016*

64.3.8 Is-Sindku informa li se jkun hemm l-iskema 'Irrestawra Darek' għal min jixtieq li jirranġa d-dar u informa li se jkun hemm *Skema - Irrestawra Darek*

applikazzjonijiet li r-residenti jistgħu jiġu għalihom il-Kunsill. Għalissa l-applikazzjonijiet għadhom ma wasslux pero qegħdin nieħdu d-dettalji ta' min qiegħed jiġi u juri l-interess.

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat FIT-18.58*

64.3.9 Is-Sindku informa li l-hajt tat-tarag tal-blat li hemm in-naħa tad-Diplomat inqala' bil-maltemp. Kien hemm qbil li jsir ix-xogħol tat-tiswija. *Manutenzjoni tat-taraġ – Fond Ghadir*

64.3.10 Is-Sindku informa dwar il-permess li ingħata mill-PA ta' imwejjed u siġġijiet fix-Xatt bin numru PA 3588/16, u informa wkoll li l-Kunsill appella. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li hemm kaz simili u se jkun qiegħed jappella wkoll. Saret diskussjoni sħiħa li qegħdin jingħataw wisq permessi għall-imwejjed u siġġijiet fejn din is-sitwazzjoni qegħda tagħmel il-problema tal-parking f'Tas-Sliema iktar gravi. Il-Vici Sindku qal li jħoss li mhux bizzejjed li l-Kunsill jappella għax il-permessi jibqgħu jingħataw. *Permessi ta' imwejjed u siġġijiet li qegħdin jingħataw mil-PA*

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li min-naħa tiegħu meta kien prezenti ressaq il-preokupazzjoni tal-Kunsill u qal li ma jistax li kull ħanut li hawn f'Tas-Sliema jingħata permess għall-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsillier P. Radmilli iħoss li jekk il-Kunsill jinsisti u l-appell jgħaddi, wieħed jibda joqgħod attent aktar biex jagħti l-permessi.

Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar li f'Novembru 2016 kienet ittieħdet deċizjoni mil-Kunsill li ssir stqarrija għall-istampa. Kien hemm qbil li din għandha ssir f'qasir zmien u l-post ikun viċin il-baħar biex ma jiġi urtat ħadd. Id-data ta' din l-istqarrija għall-istampa għandha tiġi deciza min-naħa tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Viċi Sindku qal li għalkemm jaqbel mal-istqarrija, jaqbel ukoll li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-MP Deborah Schembri u nsaqqsu b'mod dirett fejn se jasslu dawn it-tip ta' permessi.

Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li l-Kunsill għandu jispjega il-problema ezistenti tal-parkegg f'Tas-Sliema. Il-Viċi Sindku irrimarka dwar il-kaz ta' Dolce Peccati fi Triq it-Torri fejn qal li bil-mod kif qegħdin l-imwejjed u s-siġġijiet jista jinqala aċċident. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk dawn ikunux inxurjati. Kien hemm qbil li ssir laqgħa ma Deborah Schembri MP. Is-SE fakkar li diġa l-Kunsill talab għall-laqgħa u filkaz din l-*issue* tiġi inkluza.

*Il-Viċi Sindku ħareġ ftit mis-seduta fis-19.15*

## 64.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

64.4.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 63.8.4 dwar il-bankijiet li nqallgħu mix-Xatt għal *bicycle stand* u saqsa x'ġara. Is-Sindku qal li ta' struxxjoni biex bankijiet li kien hemm fil-garaxx jitpoggew minflokhom temporanjament. Kien hemm qbil li l-bicycle stands jinqalgħu u jitpoġġew in-naħa l-oħra tal-gnien ta' The Strand. Is-SE informa li sadanittant irċieva messaġġ li se jkunu qegħdin jitpoġġew *reflectors* mal-istands ta' Triq il-Kbira (fejn is-supermaket) għax kienu perikoluzi. *Bicycle stands*

64.4.2 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li l-Kunsill kellu jagħmel ezerċizzju dwar il-kampanja tal-iskart fejn il-Kunsilliera kienu marru biex iwaħħlu posters f'appartamenti biex kulħadd ikun jaf il-ħinijiet. Is-Sindku qal li meta kien sar dan l-ezerċizzju kien sar minn l-istess Kunsilliera. Is-Sindku ħeġġeġ li jekk se jerġa jsir dan l-ezerċizzju għandu jkun hemm sforz minn kulħadd. L-amministrazzjoni għandha tikkordina meta din tista ssir. *Kampanja 'Tas-Sliema Bla Skart'*

64.4.3 Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-van tal-Kunsill jaħseb li huwa zgħir għall-ammont ta' xogħol li hawn u għall-materjal li jkun hemm bzonn. Issuġġerixxa li jinxtara van ikbar u li jaħdem bl-elettriku fejn il-Kunsill ikun qiegħed jagħti ezempju u nkunu nistgħu napplikaw għall-iskema relatata. Is-SE qal li l-Kunsill irid jara x'fondi Ewropej jezistu ghal tali xiri ta' van. *Vettura tal-Kunsill*

*Daħal lura l-Viċi Sindku fis- 19.20*

64.4.4 Il-Kunsillier P. Portelli informa li l-kumpanija ta' *Yellow Pages* se jkunu qegħdin jipprovdu *ash trays* u se jitpoġġew fi Pjazza Sant'Anna u Triq Bisazza. Eventwalment se jitwaħħlu wkoll fil-promenade. Dawn se jitwaħħlu fuq tip ta' pole. *Ash trays*

64.4.5 Il-Kunsilliera M. Aqulina irreferiet għall-programm televiziv u qalet li kien hemm membru minn SOS Malta fejn semmiet li qegħdin jagħmlu proġett u rringrazzjat il-Kunsill Lokali Tas-Sliema. Il-Kunsilliera saqsiet għaliex ma kinitx taf b'dan il-proġett meta taqa taħt ir-responsabbilita tagħha. Is-Sindku fakkar li din kienet tressqet f'seduta tal-Kunsill u kien hemm qbil mill-Kunsilliera li jingħata 'no objection'. *SOS Malta*

*Il-Kunsillier J. Pillow ħareġ ftit mis-seduta fis-19.36*

Kien hemm qbil li ssir laqgħa dwar l-izvilupp ta' dan il-proġett ma' SOS Malta u min irid ikun prezenti.

*Daħal lura il-Kunsillier J. Pillow fis-19.37*

64.4.6 Il-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li kellha ilmenti li Qui Si Sana Lane mhux qegħda tiġi mnaddfa. Il-Kunsill qal li din hija privata għalkemm mhux l-ewwel darba l-kuntratturi jnaddfuha xorta waħda. Is-Sindku qal li anke meta talbu għal bozza, il-Kunsill ma setax jagħmilha għaliex hi privata. Il-Viċi Sindku qal li din hemm kwistjoni legali jekk hux privata jew le jew ta' sid partikolari. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-iskart xorta qiegħed jinġabar għaliex ir-residenti joħorġu l-iskart barra l-lane u jinġabar minn hemm. Il-Kunsill qabel li għandu jinfurma lir-residenti b'ittra jekk humiex interessati jghamlu sistema ta' skips ghat-triq. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk għandhom amministrattur il-Kunsill jista jiltaqa' miegħu. *Qui si sana Lane*

*Il-Viċi Sindku ħareġ mis-seduta fis19.45 u daħal lura fis-19.46*

64.4.7 Il-Kunsillier M. Briguglio ġibed l-attenzjoni li *n-notice boards* tal-Kunsill mhux qegħdin jiġu aġġornati. Il-Kunsill għandu jara dwar dan. *Notice boards*

64.4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal *geoligical survey* tal-car park tat-Torri. Ġie nnotat li n-naħa tat-Torri l-blat mhux qiegħed fil-wiċċ u mhux *solid rock*. Irrid ikun hemm perit apposta li jiġi inkarigat biex jara x'tip ta' *piling* irrid isir. Il-Kunsill talab għal kwotazzjoni ghas-servizzi ta' tali perit. *Geological survey*

64.4.9 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li l-Universita tat-Terza Eta' tixtieq tikkordina mal-Kunsill biex issiru korsijiet għall-anzjani. Is-SE peress li dawn qegħdin jitolbu li jsiru wara l-5pm saqsa l-istaff min hu disponibbli u qal li s'issa ma jista ħadd. *Korsijiet – Universita tat-Terza Eta*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ħarġet ftit mis-seduta fis-19.58*

64.4.10 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar il-preokkupazzjoni tal-pubbliku minħabba l-fatt li meta jiġi zvilupat il-*car park* se jkun hemm aktar konġestjoni ta' traffiku u dan se jkun viċin il-post ta' rekreazzjoni tat-tfal. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk ikun hemm pjan li dan ikun għal uzu tar-residenti li jħallsu ammont fis-sena għal parkeġġ *Proġett carpark tal-Kunsill*

privat, ma jkunx hemm involviment ta' terzi persuni u ma jkunx hemm daqshekk konġestjoni ta' traffiku.

*Daħlet lura il-Kunsilliera L. Cassar Shaw fis-19.58*

Is-SE qal li l-aħjar la jasal iz-zmien li jkun se jsir il-proġett, jiġi ffurmat kumitat u jsir business plan u preparazzjonijiet oħra. Is-SE fakkar li importanti niltaqgħu ma' Deborah Schembri MP għaliex jekk il-Kunsill ma jingħatax *sub-letting* fil-kuntratt tad-divoluzzjoni tal-art, il-Kunsill ma jkunx jista jinvolvi terzi fil-progett u l-opportunitajiet ta' *business plans* differenti jonqsu bil-kbir..

64.4.11 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar il-proġett b'fondi ewropej ghall-integrazzjoni ta' *third country nationals*. Il-Kunsillier P. Radmilli qiegħed jitlob għajnuna mill-Kunsilliera u qal li jixtieq jinvoli wkoll l-uffiċċju tal-President.

Il-Viċi Sindku ħareġ ftit mis-seduta fit-20.05

Kien hemm qbil li s-Sindku, il-Kunsilliera P. Radmilli, P. Portelli, M. Aquilina u s-SE se jkunu f'dan il-kumitat. Il-Kunsillier P. Radmilli se jkun qiegħed imexxi dan. L-amminstrazzjoni għanda tikkordina meta se ssir il-laqgħa.

Daħal il-Viċi Sindku lura għas-seduta fit-20.06

***Is-Sindku talab li s-seduta tiġi sospiza u l-Kunsill jgħaddi għal item 64.8. Kien hemm qbil u s-seduta ġiet sospiza fit-20.07. Kien hemm qbil ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll Principal Officer joħorġu mil-kamra.***

***Is-seduta giet sospiza. Hin: 20.20***

***Is-seduta kompliet fid-21.15***

64.4.12 Kien hemm qbil unanimu li għandu jinħareġ *warning* bil-miktub lil wieħed mill-impjegati tal-Kunsill peress li ha decizjonijiet dwar il-fuljett tal-Kunsill minghajr ma ikkonsulta jew avza lis-Segretarju Ezekuttiv.

**64.8 APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS**

64.8.1 Kien hemm qbil unanimu ukoll li l-*performance bonus* jingħata *full* lill-impjegati kollha.

*Il-Kunsilliera P. Portelli u J. Pillow ħarġu ftit mis-seduta fid-21.16*

## 64.5 RAPPORTI

64.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 64.6 TISWIJIET FIL-LATRINI PUBBLIĊI

*Daħal lura l-Kunsillier P. Portelli fid-21.18*

64.6.1 Dwar il-latrini il-Kunsill ġie infurmat li ser jinhareg tender ghall-zmien ta' sena. Il-Kunsill qabel.

*Daħal lura l-Kunsillier J. Pillow fid-21.20*

64.6.2 Il-Kunsill irrimarka li hemm zewġ latrini li m'humiex qegħdin jintuzaw minħabba l-stat tagħhom u ghaldaqstant inghalqu. Is-Sindku qal li din għandha tingħata prijorita u informa li talab lit-Tourism Zones biex jgħinu fil-manutenzjoni tagħhom minħabba li Tas-Sliema taqa taħt il-kategorija ta' post turistiku. Il-Kunsill għandu jitlob stima tax-xogħlijiet li hemm bzonn. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li sadanitant il-Kunsill jagħmel nota li huma magħluqin għal *refurbishment*.

64.6.3 Fir-rigward tal-latrina li hemm fejn l-Għassa tas-Sliema din għandha tingħalaq b'mod aħjar għaliex prezentament din qegħda magħluqa b'fallaka.

## 64.7 TISWIJA TA' CANOPIES FI GNIEN INDIPENDENZA

64.7.1 Is-Sindku informa li bdew ix-xogħlijiet fi Gnien Indipendenza. Is-Sindku informa li l-manutenzjoni tal-gazebos se tiswa madwar Ewro 70,000. Is-SE fakkar li għal dan il-proġett tal-Gnien hemm budget ta' Ewro 40,000. Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jistax jonfoq dan l-ammont għall-*canopies*. Is-Sindku issuġġerixxa li nsaqqsu lill-ħaddiema tal-Works Division. Ma kienx hemm qbil minħabba d-dewmien fiz-zmien.

64.7.2 Il-Kunsill qabel fi prinċipju li x-xogħol għandu jsir b'mod sħiħ kemm jekk se jsir tal-injam jew jekk issir tal-ħadid. Eventwalment għandu jinħareġ tender għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill ghandu jerga jaqbel

fuq estimi finali ta' dan il-progett.

## 64.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦA TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

64.9.1 Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar it-tender tal-accountant u f'hiex wasal il-proċess. Is-SE informa li id-Dipartiment tal-kuntratti avza li zewġ applikanti ghandhom jigu eliminati minħabba li ma ghamlux l-offerta skond kif mnizzel fl-EPPS. Is-SE fakkar li l-kumitat irid jiltaqa biex tibda diskussjoni dwar dan it-tender. Is-SE fakkar ukoll li l-Kumitat irid jiddiskuti wkoll it-tender tat-Tabelli u Sinjali. Is-SE qal li t-tender ta' manutenzjoni tat-toroq se jiġi diskuss illum. *Tenders*

64.9.2 Is-SE ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kumitat tat-tenders dwar it-tender ta' manutenzjoni tat-toroq. Is-SE informa li kien hemm erba offerti u l-irħas waħda kienet ta' Karl Jos Dimech. Il-Kunsill qabel li tintgħazel irħas offerta ta' Karl Jos Dimech. Il-Kunsilliera M. Aquilina u P. Radmilli fakkru li jekk ix-xogħol ma jkunx qiegħed isir skont it-tender jistgħu jinħarġu *default notices*. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li importanti li l-Kunsill juza dan id-dritt f'kaz li jkun hemm bzonn. *Tender tat-Toroq*

## 64.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

64.10.1 Kien hemm qbil li pagament numru 2 ma jiġix approvat.

64.10.2 Is-SE talab li s ssir korrezjoni f'pagament numru 57 pagabbli lil ARMS. L-ammont irid jinqara 32.70 ewro mhux 163.21. Kien hemm qbil dwar dan.

64.10.3 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-pagament 61 tal-ARMS dwar il-konsum tad-dawl u ilma tal-uffiċċju tal-Kunsill, u saqsa jekk hux qegħdin niggwadanjaw mis-solar panelling. Is-SE qal li rridu ninvestu f'panel reader. Kien hemm qbil li nġibu kwotazzjoni għal dan.

64.10.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-AFS u qal li l-Kunsill għandu jitlob rifuzzjoni lill-insurance. Il-Kunsill għandu jagħmel dan.

64.10.5 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament tal-X Tend Supplies dwar ix-xiri ta' bozoz u qal li dawn jistgħu jiġu irħas jekk jinxtraw

dirett mis-supplier. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jingiebu kwotazzjonijiet ohra.

64.10.6 IL-Kunsillier J. Pillow saqsa dwar il-*wifi* għaliex qegħdin jirriklamaw li hawn *wifi* b'xejn f'ħafna postijiet għal kulħadd. Is-SE qal li s-servizz huwa b'xejn għall-pubbliku imma l-Kunsill irid iħallas l-MCA biex dan ikun b'xejn ghall-publiku.

64.10.7 Il-Kunsilliera V. Galea Pace ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti hekk kif korretti. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil unanimu għall-approvazzjoni.

64.10.8 Is-Sindku fakkar li kien sar xogħol zejjed minn LK ltd fi Triq Ix-Xatt ta' Tigne meta dan ma kienx mitlub mil-Kunsill. Il-Kunsill kien zamm il-pagament *on hold*. Il-kuntrattur qiegħed jitlob li jsir xi tip ta' kompromess. Kien hemm qbil li jingħata parti mil-kont (terz tal-konkos kif ukoll il-qlugħ u tqegħid tal-kurduna kollha).

## 64.11 MOZZJONIJIET

64.11.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 64.12 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

64.12.1 Is-seduta intemmet fit-22.16. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2017 fis-6pm

Minuti approvati llum

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |